# MALTA

## TRIBUNAL GHAL TALBIET ŻGĦAR

## ĠUDIKATUR
## DR. ANNA MALLIA

Seduta tal-21 ta' April, 2017

Talba Numru: 567/2016 AM3

Numru fuq il-Lista: 33

**Spinola Development Company Limited (C331)**
**Portomaso Business Tower, Level 3,**
**Portomaso**
**San Giljan**

**vs.**

**Dr Leontine Calleja li b'digriet ta' dan it-Tribunal**
**nhar l-20 ta' Frar, 2017 inhatret bhala Kuratur Deputat**
**sabiex tirraprezenta lill-assenti Valeria Zusina**
**detentrici tal-Passaport Russu Nru 63No3729146**

It-Tribunal,

Ra l-Avviż tat-Talba fl-ismijiet premessi, ippreżentat fit-28 ta' Novembru, 2016 illi permezz tiegħu s-Soċjeta′ attriċi talbet mingħand il-konvenuta s-somma ta' tlett elef hames mija erbgha u erbghin ewro u tnejn u erbghin centezmu (€3,544.42c) kwantu ghas-somma ta' elfejn disa mija u tlieta u sebghin ewro u hamsa u disghin centezmu (€2,973.95c) rapprezentanti l-prezz ta' common costs ghas-sena 2016 u Service Charge ghas-sena 2015 dovut fir-rigward tal-

appartament tal-konvenuta bin-numru 2392 fi hdan il-Portomaso Complex, Portomaso, San Giljan u kwantu ghas-somma ta' tlett mija u erbgha u sittin ewro u wiehed u hamsin centezmu (€364.51c) rapprezentanti prezz ta' elettriku ghall-appartament bin-numru 2392 ghal perjodu ta' bejn Lulju, 2015 u Ottubru, 2016 u kwantu ghas-somma ta' mitejn u hames ewro u sitta u disghin centezmu (€205.96c) rapprezntanti prezz ta' car park fees ghal car space bin-numru 3418.

Ra li mill-atti jirriżulta li l-konvenuta ma tinsabx Malta u ghalhekk giet mahtura Dr Leontine Calleja b'digriet tal-20 ta' Frar, 2017 bhala Kuratur Deputat sabiex tirraprezenta lill-assenti konvenuta.

Ra r-risposta tal-Kuratur noe.

Ra l-provi mresqa f'din il-kawza.

Għaldaqstant, peress li t-talba tas-Soċjeta` attriċi tirriżulta sodisfaċentement ippruvata, it-Tribunal jilqa` t-talba attriċi u konsegwentement jikkundanna lil konvenuta thallas lis-Socjeta' attrici s-somma ta' tlett elef hames mija u erbgha u erbghin ewro u tnejn u erbghin centezmu (€3,544.42c) bl-imghaxijiet mid-dati tal-fatturi esebiti sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjeż a karigu tal-konvenuta.

**Dr Anna Mallia**
**Ġudikatur**